MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2011

Numru. 175/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Joseph Debono ta' 45 sena, bin Francis u Emanuel anee` Gech, imwieled il-Pieta`, fil-5 ta' Settembru 1965 u joqghod fil-fond: Nru. 4, Fuq San Nikola Ex-Married Quarters, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru:413065M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Debono li permezz taghhom huwa gie akkuzat:

A) Talli filwaqt li kien fi Triq il-Pellegrinagg gewwa Bormla, nhar it-18 ta' Jannar, 2009, ghal habta tas-2.20 ta' wara nofsinhar, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed l-hajja ta' Raphael Muscat, minn Bormla, f'periklu car,

ikkagunalu feritata’ natura gravi, kif iccertifikat minn Dr. J. Zammit M.D. mill-Casualty Department ta’ l-Isptar Mater Dei, liema ferita iggiblu debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi part ital-gisem.

B) Talli fl-istess data, hin u kok, hebb kontra l-persuna ta’ Raphael Muscat sabiex jingurja jew jaghmel hsara lill-istess.

C) Talli fl-istess data, hin u lok, ingurja u hedded lil Raphael Msucat.

D) Talli fl-istess data, hin u lok, qal fil-pubbliku kliem oxen u ndicenti.

E) Talli fl-istess data, hin u lok, volontarjament kiser il-buon ordni u il-kwiet pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsdra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfornt tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmulha mill-imputat u l-fedina penali tieghu li mhix xi wahda allarmanti.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 214, 215, 216(1)(a)(ii), 338(dd)(bb) u 339(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana l-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputat ma jharisx lejn Raphael Muscat taht garanzija personali ta' hames mitt euro (€500) u dan ghal zien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------